# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Ian Joseph Abdilla]

vs

Victor Lofreda

Kumpilazzjoni Numru: 555/2011

Illum, 11 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Victor Lofreda detentur tal-karta tal-identita` numru 466182M akkuzat talli f'April 2011 u fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Anna Grech u Nadine Grech;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu

(€2,329.37) ghad-dannu ta' Anna Grech u Nadine Grech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u oggetti mir-residneza ta' Anna Grech u Nadine Grech ghad-dannu tal-istess persuni, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna ai termini tal-Artikoli 261(d) u 268 tal-Kodici Kriminali;

U b'hekk, hu **Victor Lofreda** ikkometta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversement preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Ottubru elfejn u tnax (2012) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

(a) Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fl-artikoli 18, 261(c) u (d); 267; 268; 279; 280; 281 u 282 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) Fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) Fl-artikoli 17, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti kif diversament komposta tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala proceduri sommarji u kkonferma quddiem din il-Qorti kif komposta illi ma riedx li jergghu jinstemghu x-xhieda gja prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi u mizappropjazzjoni mill-imputat ghal zewg persuni u cioe` Anna u Nadine Grech li kienu allegatament tawh xi oggetti bhal

televixin bil-hsara sabiex jiehdu ghat-tiswija u somma flus sabiex jaghti akkont tal-kera ta' post, izda minflok dan uzahom ghall-intendiment taghhom, it-televixin bieghu u flimkien mal-flus l-ohra huwa allegatament laghabhom peress li ghandu l-vizzju tal-loghob.

Illi xehed l-Ispettur Ian Joseph Abdilla li qal li fis-6 ta' April 2011 Anna Grech flimkien mat-tifla taghha Nadine Grech irrappurtaw l-ghassa kaz ta' serq u misappropjazzjoni ta' oggetti fejn qalu li f'dak il-perjodu l-imputat kien habib ta' Nadine u cirka xahrejn qabel kienu tawh televixin li jiswa' €1,500 u *stereo* ta' karozza li jiswa €300 li kienu bi hsara sabiex isewwihom. Minflok sewwihom l-imputat bieghhom lil terzi sabiex bil-flus imantni l-vizzju tieghu tal-loghob. L-istess kwerelanti qalu li kienu taw lill-imputat depozitu ta' €200 fuq karozza u €1,500 bhala depozitu fuq proprjeta` izda la x-xiri tal-proprjeta` u lanqas tal-vettura ma kienu sehhew. L-Ispettur qal li l-imputat gie arrestat fejn ammetta li kien biegh it-televixin u l-i*stereo* biex imantni l-vizzju tieghu tal-loghob u anki l-flus kien uzahom ghall-istess vizzju.

L-Ispettur esebixxa l-istqarrija tal-imputat li ttiehdet wara d-debita twissija u esebixxa wkoll sentenza li nghatat kontra Victor Lofreda ghar-rigward tal-addebita recediva liema sentenza nghatat fis-16 ta' April 2009 (Dok. IA4 a folio 21 tal-process). Fuq ammissjoni l-imputat kien wehel sena prigunerija sospiza ghal tliet snin taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation.

Illi fl-istqarrija tieghu **Victor Lofreda**, wara li kien irrifjuta l-jedd ghall-parir legali (Dok. IA1 a folio 15), qal li huwa kien ilu habib ma' Nadine ghal xi xahrejn. Huwa kkonferma li ommha, Anna Grech, kienet taghtu xi affarijiet biex issewwihom fejn huwa ammetta li kien bieghhom. Qal li huwa kien qal lil Anna li jaf xi hadd li jaf isewwi *flatscreens* u fil-fatt ha t-televixin u minflok bieghu lil certu Charlie minn Bormla li tah €300. Qal ukoll li Anna qaltlu li kienet xrtat it-televixin *second hand* minghand huha ghal €500 fejn huha kien xtrah ghal €1,500. Ammetta wkoll li huwa kien talab lil Anna biex ittih €1,500 biex jikri post izda fil-verita` huwa ried dawn il-flus sabiex ikun jista' jilghabhom. Ammetta li huwa ghandu l-vizzju tal-

loghob u li l-flus mit-televixin u anki dawk li taghtu Anna ghall-kiri tal-post spicca laghabhom kollha. Skont l-imputat Anna Grech taghtu wkoll €200 ghaliex qalilha li xtaq jixtri karozza u taghtu *stereo* biex isewwieh. L-i*stereo* qal li ramieh ghaliex qabdu hazin u inharaqlu mentri l-flus ghall-karozza spicca laghabhom ukoll. Victor Lofreda qal li ilu xi disa' snin bil-vizzju tal-loghob u kien mar il-Caritas izda waqaf. Fl-ahharnett qal li jaf li dak li ghamel huwa kontra l-ligi izda ghamel hekk ghaliex kellu bzonn il-flus ghal-loghob. Qal ukoll li jiddispjacih ta' dak illi ghamel.

Illi xehdet **Anna Grech** li qalet li l-imputat kien l-gharus tat-tifla fejn kien jaghmel erbat'ijiem jorqod id-dar maghhom f'kamra separata. Hija qalet li l-imputat beda jisirqilhom kollox. L-imputat kien qalilha li kien hemm post gewwa Birzebbugia fejn riedu €1,500 bhala rigal. Qalet li Victor Lofreda kien jaf li hija ddejqet tghix il-Belt u ghalhekk taghtu dawn il-flus. Qalet li l-imputat dam cirka xahrejn, tlieta jghix maghhom. F'dawn ix-xahrejn qalet li kien qala' xi haga mit-televixin sabiex ma jahdimx fejn spicca ha l-istess televixin li

jiswa' €500, hadilha d-deheb li kien 'il fuq minn €800 u anki l-i*stereo* tal-karozza. L-i*stereo* kien tal-karozza taghha u tghid li xtratu fuq €300. Qalet li l-imputat kien hadu u qalilha li nharaq. Qalet li lanqas kienet taf li ha l-i*stereo*. Skont ix-xhud l-imputat hadilha wkoll flus minn gol-landa: "*hadli ghax ikaxkar naqra naqra kuljum*." Mistoqsija kemm ha flus hija qalet iktar minn €2,000 ghaliex kienet taghtu €1,500 bhala rigal ghall-post Birzebbugia. Ix-xhud qalet li ghamlet ir-rapport fl-4 ta' April 2011 u l-imputat kien jghix maghha fit-tlett xhur ta' qabel id-data tar-rapport.

Xehdet ukoll **Nadine Grech** li qalet li hija taf lill-imputat ghax kienet tohrog mieghu f'April tas-sena 2011 ghal cirka xahrejn. Qalet li waqt li kienet tohrog mieghu serqilhom kwazi kollox: flus, deheb u televixin. Qalet li ommha kienet taghtu €1,500 ghaliex kienu ser jikru post. Qalet li minn dawn il-flus u l-oggetti l-imputat ma gab xejn lura. In kontroezami qalet li Victor Lofreda dam cirka xi xahar jghix maghha u ma' ommha u dan kien "*Marzu April 2011*".

Rat illi fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2014 Nadine Grech iddikjarat li diga` rceviet €1,000 u rceviet €200 seduta stante. Innutat ukoll li fis-seduta tad-19 ta’ April 2016 l-Ufficjal Prosekutur informa l-Qorti li l-parte civile mhux tithallas.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2018 l-imputat iddikjara li m’ghandux provi x’jipproduci u talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-Avukat Generali baqa’ jinsisti ghall-akkuza ta’ frodi meta l-anqas biss ingabet prova minima fuq dan ir-reat u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser toqghod tahli l-hin tiddibatti jekk dan ir-reat giex ippruvat jew le.

Illi dawn il-proceduri huma ghalhekk bbazati b’mod specjali fuq l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

b'mod partikolari fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni li jghid hekk:

*"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi f'dan l-istadju qed issir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizappropjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza fit-22 ta' April 2009 li ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino fejn dan spjega li:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e`*

*(come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la*

*giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju **(vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997).**

Illi f'dawn il-proceduri ghandna l-istqarrija tal-imputat li nghatat bil-kawteli kollha inkluz id-dritt tal-parir legali fejn l-imputat ikkonferma u ammetta illi huwa ghandu l-vizzju tal-loghob u li kien ha t-televixin minghand il-parte civile u bieghu u minnu gab tliet mitt ewro (€300) kif ukoll il-flus konsistenti f'elf u hames mitt ewro (€1,500) illi tawh sabiex ihallas rigal fuq kiri ta' post u s-somma ta' mitejn ewro (€200)

li kienu tawh sabiex jixtri karrozza izda minflok dawn riedhom sabiex jilghabhom u ghalhekk qatt ma tahom xejn lura.

Illi pero` ma gewx ippruvati mill-prosekuzzjoni ai fini tal-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 l-elementi ta' dan ir-reat.

Illi affarijiet l-ohra li semmew il-parte civile fix-xhieda taghhom kif ukoll il-flus l-ohra li qalu li gew misruqa, din ma ngabet l-ebda prova konklussiva fuqhom sahansitra l-anqas l-imputat ma gie mistoqsi fuqhom mill-ufficjal prosekutur fl-istqarrija.

Ghalhekk l-anqas ir-reat ta' serq ma gie ppruvat.

Dan kollu qed jinghad ghaliex il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri, u dan ghaliex, kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890):-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi a rigward l-addebitu tar-recidiva din giet ippruvata permezz ta' sentenza prezentata f'dawn l-atti u mmarkata bhala dokument IA4 li tinsab a folio wiehed u ghoxrin (21) tal-process.

Illi din il-Qorti trid tirrimarka u dan inkwantu tal-piena li ser tigi nflitta, li apparti li l-imputat ghandu addebitat lilu r-recidiva li minnha nfusha hija gravi, l-imputat qatt ma pprova jirriforma ruhu tul dawn is-snin tal-proceduri. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Illi a rigward il-ksur tas-sentenza sospiza jinghad illi l-imputat diga' gie kkundannat ghal dan il-fatt minn din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2019.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 49, 50, 28B, 17, 23B, 23C, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Victor Lofreda** hati tat-tieni (2) u l-hames (5) akkuzi inkwantu tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija effettivi filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**